**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 26 ta' Jannar 2001**

**Avviz Nru: 1139/00**

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Paul Zammit**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u tnax-il lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (LM412.84) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' riparazzjoni ta' hsarat li huwa kkagguna fuq cables appartenenti lis-societa' attrici f'April tal-1999 fi Triq il-Knisja , Zebbjug, skond ma jidher mill-anness prospett Dok. A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali u bl-interessi legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikata ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u; l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erba' mija u tnax-il Lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm412.84) ghar-ragunijiet indikati fl-avvizi.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 ta' Awissu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**S.Farrugia**
**Dep/Reg** **Magistrat**